**PARROĊĊA TA' SAN PIETRU U SAN PAWL • In-Nadur • Għawdex**
*Uffiċċju: 21551649 • Dar Parrokkjali: 21560501 • www.nadurparish.com*

**2 ta' Awwissu, 2020**

# SPIĊĊA BIT-TAJJEB

Girolamo Savonarola kien patri Dumnikan li fl-1498 kien imdendel ħaj u mbagħad ġismu ġie maħruq ġo ħuġġieġa ħatab u l-irmied tiegħu xxerred fix-xmara Arno. Illum xi wħud iqisuh bħala eretiku, oħrajn bħala profeta u xi wħud ukoll iżommuh bħala qaddis. Dan Savonarola rifes il-kallijiet tal-mexxejja reliġjużi u politiċi ta' żmienu. Kien jeħodha kontra l-abbużi tagħhom. Għan-nies ta' beltu, dik ta' Firenze, kien qal li "il-fidi tagħhom hija bħax-xemgħa, ftit sħana u din tinħall. Xi drabi jemmnu u fiż-żmien tal-prova ma jemmnux."

Meta wieħed jaqra l-kitbiet ta' Savonarola, jara li kien jgħid affarijiet li jagħmlu ħafna sens. Ħa nsemmi xi regoli li huwa jagħtina "għal ħajja tajba", kif jgħid hu nnifsu.



- Ħobb lil Alla 'l fuq minn kollox
- Tqisx lilek innifsek aħjar minn ħaddieħor
- Oqgħod fis-silenzju u itlob spiss
- Kun ħanin mal-fqar
- Quddiem il-kuntrarju ħaddem il-paċenzja

Ftit qabel ma miet Savonarola talab maħfra u talab ukoll li jżomm l-Ostja Mqaddsa għal ftit mumenti f'idejh, qabel ma huwa tqarben biha.
Huwa Alla li jiġġudika lil Savonarola. Għalina biżżejjed li niftakru kemm kellu mħabba lejn il-Misteru tal-Ewkaristija.

Dan il-Ħadd is-subien għandhom jirċievu l-Ewwel Tqarbina. Nifirħu magħhom.

**Maġenb il-Bażilika għandna l-prayer room li tkun miftuħa kuljum mill-4.00pm sad-9.00pm. Biex jinżammu d-distanzi suġġeriti minħabba l-Corona Virus is-sagrament qed jinżamm espost fil-kamra ta' barra; dik li tiġi dritt wara l-boxxla tal-ħġieġ. Nistednukom biex meta tkunu għaddejjin minn ħdejn il-prayer room u din tkun miftuħa, tidħlu tagħmlu ftit mumenti quddiem Ġesù Sagramentat.**

***L-Arċipriet***

## AVVIŻI OĦRA:

**FIL-MUSEUM SUBIEN NADUR:** qed isiru l-lezzjonijiet għall-istudenti li spiċċaw il-Year 6 sa dawk ta' Form 5 kull nhar ta' Tnejn, Tlieta, Ħamis u Ġimgħa. Il-lezzjoni tkun mis-7.00pm sas-7.15pm u wara jkollhom nofs siegħa logħob. Il-ġenituri mħeġġa jfakkru lil uliedhom u jħeġġuhom jerġgħu jibdew jattendu regolari.

**IS-SIEGĦA TAL-ĦNIENA DIVINA:** nhar il-Ġimgħa wara l-quddiesa tal-5.30pm. Kulħadd mistieden biex jgħaddi dan il-ħin flimkien ma' Ġesù fl-Ewkaristija.

**IĊ-ĊENTRU TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ:** ifakkar li se jerġa' jorganizza tombla nhar it-Tnejn 10 ta' Awwissu fis-7.30pm quddiem iċ-Ċentru stess bħala fundraising għall-bini u t-tagħmir taċ-Ċentru. Se jkun hemm xi spot prizes x'jintrebħu wkoll. Trasport provdut.

## SKEDA TAL-GĦOTI TAD-DEMM GĦAX-XAHAR T'AWWISSU:

Il-Ħadd 2, 16 u 30 t'Awwissu mit-8.00am sas-1.00pm
It-Tlieta 11 u 25 t'Awwissu mis-1.00pm sal-5.00pm
Kull min jitħajjar jagħti d-demm għandu jippreżenta l-karta tal-identità.
Meta wieħed jersaq biex jagħti d-demm ma jsirlux l-iswab test għall-Covid-19.



## Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm
**Matul il-Ġimgħa:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:30pm; 7:15pm
**Is-Sibt filgħaxija:** 6:00pm; 7:30pm
**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am